

# RAPPORT ANNWALI 2014

AWTORITÀ TAD-DJAR HOUSING AUTHORITY

# RAPPORT ANNWALI 2014

AWTORITÀ TAD-DJAR ◆ HOUSING AUTHORITY

## Awtorità tad-Djar
## Rapport tas-sena 2014

**Malta:**
22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana FRN 1060
Tel: 2299 1000 | Fax: 2124 3284

**Għawdex:**
25, Triq Enrico Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2043
Tel: 2215 6800 | Fax: 2215 6800

Freephone: 8007 2232

Website: www.housingauthority.gov.mt
E-mail: customer.care.ha@ha.gov.mt

© Awtorità tad-Djar

Pubblikazzjoni: Awtorità tad-Djar

Dan ir-rapport ma jistax isir fih ebda tibdil fil-forma
jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr
il-permess bil-miktub tal-Awtorità tad-Djar.

IL-MISSJONI TAGĦNA

## Bis-saħħa tal-akkomodazzjoni soċjali, nipprovdu soluzzjonijiet fit-tul għal dawk li verament għandhom bżonn.

# Werrej

**Il-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità tad-Djar** ... **6**
**Rapport taċ-Chairperson** ... **7**
**Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv** ... **9**

**1. Customer Care** ... **11**

**2. Akkomodazzjoni Soċjali** ... **11**
2.1 Social Assessment ... 12
2.2 Allokazzjonijiet ... 12
2.3 Postijiet Battala tal-Gvern ... 12
2.4 Reviżjoni tal-Kirjiet ... 13
2.5 Investigazzjonijiet/Spezzjonijiet ... 13

**3. Avviż Legali 77 - Bejgħ ta' Appartamenti bi Prezz Sussidjat** ... **14**

**4. Skemi** ... **15**
4.1 Irranġar u Titjib ta' Postijiet ... 15
4.2 Strutturi Perikolużi f'Residenza Mikrija mill-Privat ... 16
4.3 Għotja għall-irranġar ta' Residenzi Privati Abitati minn Anzjani ... 18
4.4 Skema għal xogħlijiet relatati ma' diżabilità ... 19
4.5 Skemi għall-persuni li akkwistaw l-ewwel residenza ... 20
4.6 Sussidju fuq l-Imgħax fuq l-Ewwel Residenza ... 21
4.7 Sussidju tal-Kera ... 21
4.8 Sir Sid Darek ... 22
4.9 Installazzjoni ta' Lifts Ġewwa Blokki tal-Gvern ... 24
4.10 Skema KIRI ... 25
4.11 Skemi b'Kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali ... 25
4.11.1 Riġenerazzjoni f'Oqsma Madwar il-Binjiet tal-Gvern (SKEMA 1) ... 25
4.11.2 Titjib f'Partijiet Komuni ta' Blokki Residenzjali tal-Gvern (SKEMA 2) ... 25

**5. Simplifikazzjoni ta' Burokrazija ta' Proċessi ........ 26**
5.1 Komunikar bl-imejls ........ 26
5.2 Eżami tal-mezzi komuni ........ 26

**6. Tiswijiet f'Proprjetà tal-Gvern ........ 27**
6.1 Tiswijiet Strutturali f'Appartamenti/Djar proprjetà tal-Gvern ........ 27
6.2 Xogħol fuq postijiet vojta tal-Gvern ........ 28

**7. Sezzjoni Notarili ........ 28**

**8. Tmexxija tal-Proprjetà ........ 29**
8.1 Sezzjoni tar-Rekords ........ 29
8.2 Sezzjoni l-Ispettorat ........ 29

**9. Is-Sezzjoni tal-Procurement ........ 29**

**10. Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni. ........ 32**

# Il-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità tad-Djar

**Chairperson**
**Is-Sinjura Antoinette Vassallo**
S.R.N. u eks-Sindku

**Viċi Chairman**
**Is-Sur Robert Ducker**
B.Sc. (Hons) Financial Services (UMIST), ACIB

**Membru tal-Bord**
**Prof. Perit Lino Bianco**
B.A. (Phil), B.E&A. (Hons) (Malta), M.Sc. (Geol.) (Leics.), M.Sc.(Arch.) (Lond.), Ph.D. (Sofia), F.R.S.A., F.G.S. (Lond.) Eur. Ing. (FEANI), A&C.E

**Membri tal-Bord**
**Is-Sur Kenneth Busuttil**
B.Ed. (Hons), PGDEL (Melit.)

**Dr. Ivan Grixti**
B.A.(Hons)(Accty.), M.A.(Lanc.), Ph.D.(S'ton.), M.C.I.Arb., F.A.I.A.(Acad.), F.I.A., C.P.A

**Is-Sinjorina Helen Mallia**
Dip. Ind. Rel., M.Q.R

**Dr. Vincent Moran**
M.D.

**Is-Sinjura Margaret Quintano**
Dip. HRM (Leicester)

**Dr. Philip Spiteri**
M.D., D.O.M.S., F.A.M.S.Ophyh., F.I.C.S., F.E.B.O.

**Segretarju tal-Bord**
**Dr. Beryl Jean Buttigieg**
LL.D

Is-Segwenti żewġ persuni kienu membri tal-Bord ukoll matul is-sena:

**Segretarju tal-Bord**
**Dr. Ray Zammit**
LL.D., Adv. Trib. Eccl.Melit.

**Membru tal-Bord**
**Dr. Alex Buontempo**
B.E&A. (Hons), Ph.D., A&CE

# Rapport taċ-Chairperson



**Is-Sinjura Antoinette Vassallo S.R.N.**

Reġa' wasal iż-żmien fejn l-Awtorità tad-Djar tkun trid toħroġ rapport annwali li jkun qed jirrifletti xi jkun sar matul is-sena kemm minn aspett ta' operat amministrattiv kif ukoll minn aspett finanzjarju.

Għalhekk għandi l-pjaċir li għal darba oħra qed inressaq ir-rapport annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014. Wieħed irid jiftakar ukoll li l-operat kollu li jiġi mwettaq mill-Awtorità tad-Djar irid ikun ukoll qed isegwi u jirrifletti l-istrateġija li l-Awtorità għandha ssegwi fuq il-Politika tal-Gvern tal-ġurnata u kif ikun propost.

Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li kienet sena impenjattiva ħafna. Kellna naffaċċjaw ruħna ma' diversi sitwazzjonijiet li b'sens ta' responsabbilità u b'determinazzjoni għamilna l-almu tagħna biex rajna li kull problema li tfaċċat quddiemna ħadnieha bħala sfida.

Kien għalhekk li b'ħidma kollettiva rajna kif bl-aħjar mod ikkommettejna ruħna għal dan kollu, u x-xogħol kollu li sar matul din is-sena sar, mhux biss għax huwa d-dover ta' kull wieħed u waħda minna ġewwa l-Awtorità li trid tagħmlu, iżda wkoll għax dejjem żammejna quddiem għajnejna li l-ħidma kollha li tiġi mwettqa fl-Awtorità trid tkun qed tirrispetta l-bżonnijiet ta' min l-aktar huwa batut u vulnerabbli.

Bħalma jaf kulħadd l-Awtorità għandha diversi skemi li b'xi mod jew ieħor kollha qed ikunu ta' għajnuna lil min l-aktar għandu bżonn. Bħala Chairperson tal-Bord tad-Diretturi, nista' nikkonferma li l-*policies* li taħt l-Awtorità kollha jimmiraw b'xi mod għal kif l-Awtorità tkun tista' tagħti l-aħjar għajnuna proprju lil din il-faxxa ta' nies fis-soċjetà tagħna. Madanakollu huwa d-dover tiegħi, flimkien mal-Bord, illi fejn ikun hemm bżonn dawn il-*policies* jiġu riveduti sabiex jindirizzaw aktar il-bżonnijiet tal-ġurnata.

Fl-aħħar nett nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-impjegati kollha mill-kbir saż-żgħir għall-ħidma tagħhom matul din is-sena. Nawgura li dan x-xogħol kollu jibqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel ħalli fejn hu tajjeb insostnuh u fejn hemm bżonn jinbidel, u ma nibżgħux nidħlu għal sfidi ġodda.

Fuq kollox l-għan ewlieni tagħna lkoll hu li naraw li l-Awtorità timxi dejjem 'il quddiem sabiex nibqgħu nagħtu l-għajnuna tagħna fejn hu meħtieġ.



**Antoinette Vassallo**
Chairperson

# Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv



Is-Sur Stephen McCarthy B.A.(Hons) Accty, C.P.A.

Waqt li matul din is-sena ta' ħidma l-Awtorità tad-Djar iffukat sabiex jiġu fformolati strateġija u Business Plan, illum il-ġurnata wieħed diġà qiegħed jara l-frott ta' din il-ħidma. Kif tixhed il-missjoni ġdida tal-Awtorità tad-Djar, l-għan ewlieni ta' din l-organizzazzjoni huwa dak li tkun ta' għajnuna għal min għandu verament bżonnha, u għalhekk wieħed irid ikejjel is-suċċessi ta' din l-entità fuq kemm irnexxielha tkun ta' għajnuna għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

Meta wieħed iħares lejn il-*financial statements* tal-Awtorità tad-Djar, irid iżomm f'moħħu li din mhix kumpanija kummerċjali fejn l-għan ewlieni tagħha jkun dak li tagħmel il-qligħ, iżda fil-każ tal-Awtorità, l-iskop prinċipali huwa kif din ser tgħin aktar persuni u familji li jinsabu fil-bżonn tas-servizzi tagħha. Waqt li huwa importanti li d-deficit tal-Awtorità tad-Djar ma jikbirx b'mod li ma tibqax sostenibbli u li jkun hemm kontroll responsabbli tal-ispiża tal-operat, żieda fid-deficit tal-Awtorità tista' tfisser żieda fl-għajnuna mogħtija. Fil-fatt, l-Awtorità spiċċat is-sena 2014 b'żieda fid-deficit ta' madwar €1.5 miljuni (meta mqabbel mas-sena 2013), liema żieda hija dovuta prinċiparjament għal żieda fis-sussidji u żieda sostanzjali fl-għajnuniet mogħtija, kif jixhdu tajjeb il-figuri f'dan ir-rapport.

Matul is-sena 2014 l-Awtorità indirizzat bis-serjetà l-lista ta' talbiet pendenti għal xogħlijiet relatati ma' strutturi perikolużi f'residenzi mikrija mingħand il-Gvern jew l-Awtorità. Fil-fatt, bi pjaċir ngħid li matul is-sena 2014, l-Awtorità għamlet b'kemm jiswew €1, 264, 067 f'xogħlijiet f'dawn ir-residenzi, u dan meta mqabbel ma' €487, 674 matul is-sena 2013.

Taħt l-iskema Sir Sid Darek, l-Awtorità kienet ukoll impenjata lejn dawk l-inkwilini li xtaqu jsiru sidien ta' darhom. Matul is-sena 2014, l-Awtorità daħlet fi ftehim ma' 169 inkwilin, qabża kbira mis-36 matul is-sena 2013. Barra minn hekk, l-Awtorità tassisti wkoll finanzjarjament permezz ta' skemi varji lil dawk li jkollhom bżonn jagħmlu xi xogħol ta' tiswija jew titjib ġewwa r-residenza tagħhom. Fost dawn il-benefiċjarji, insibu persuni b'diżabilità, fejn fil-fatt matul is-sena 2014 ġie approvat l-ammont ta' €655,121 bħala għotja lil 107 applikant biex irendu r-residenza tagħhom adegwata għall-bżonnijiet tagħhom, żieda minn €364,536 lil 93 applikant matul is-sena 2013. L-Awtorità approvat ukoll is-somma ta' €1,096,495 lil 342 applikant ieħor għal xogħlijiet ta' rranġar fir-residenza tagħhom, żieda minn €944,215 lil 284 applikant matul is-sena 2013.

Din l-istatistika ta' kisbiet hija biss indikazzjoni minn sensiela ta' għajnuniet u assistenzi oħra li toffri l-Awtorità tad-Djar sabiex tilħaq l-għan tagħha lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Il-kumplament ta' dan ir-rapport jagħti t-tagħrif f'aktar dettall tal-ħidma sfiqa ta' din l-organizzazzjoni.

L-istruttura tal-Awtorità tad-Djar ġiet ukoll imsaħħa sabiex tkun f'pożizzjoni aktar soda u b'hekk effettiva għal dawk li l-aktar li għandhom bżonn is-servizzi tagħha. L-indikaturi tax-xogħlijiet li qed tagħmel l-Awtorità huma wkoll inkoraġġanti. Madanakollu, l-akbar sfida li qed tiffaċċja l-Awtorità hija dik li żżid l-istokk ta' proprjetà biex b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar li tipprovdi għad-domanda kbira għal akkomodazzjoni soċjali lil dawk l-applikanti b'każijiet meqjusa bħala l-aktar urġenti fuq il-lista tagħha għall-akkomodazzjoni alternattiva. Biex tindirizza din l-isfida, ħarġet 'Request for Proposals' fejn il-privat ġie mistieden sabiex jagħmel il-proposti tiegħu lill-Awtorità kif din tista' żżid in-numru tal-proprjetajiet tagħha. Il-proposti ġew evalwati u l-konklużjonijiet ser ikunu ppubblikati fix-xhur li ġejjin. Iżda dan xorta waħda mhux biżżejjed. L-Awtorità qed taħdem ukoll fuq pjan aktar fit-tul, fejn tinsab għaddejja f'diskussjonijiet mal-European Investment Bank għal self b'rati vantaġġjużi ħafna biex jintuża għall-bini ta' numru sostanzjali ta' proprjetajiet fuq artijiet tal-Awtorità li diġà huma koperti bil-permessi neċessarji tal-bini. Apparti li l-pagament fis-sena ser ikun wieħed baxx, wara li jgħaddi t-terminu tas-self u b'hekk dan jiġi mħallas, l-Awtorità jkollha assi b'valur għoli fi proprjetà ġdida fuq il-kotba tagħha.

L-Awtorità għandha wkoll fi ħsiebha li tapplika għall-fondi Ewropej meta jiftħu l-applikazzjonijet is-sena d-dieħla, fejn hu ppjanat li tissottometti proposti għall-fondi għal żewġ skopijiet; dak ta' installazzjoni ta' lifts fil-blokki tagħha jew tal-Gvern kif ukoll għall-programm ta' riġenerazzjoni tal-bini tal-Gvern. Kif wieħed jista' jimmaġina, l-ispejjeż involuti sabiex issostni dawn iż-żewġ proġetti huma kbar, u għalhekk l-Awtorità qed timmira li tibbenefika minn dawn il-fondi Ewropej.

Fl-aħħar nett, l-Awtorità għaddejja b'eżerċizzju intensiv fuq is-sistema tal-ICT. Sfortunatament, bħalissa m'għandhiex sistema moderna ta' informazzjoni teknoloġika b'riżultat li ħafna xogħol qed ikollu jsir manwali għad-detriment tal-klijent u tal-effiċjenza tal-istess Awtorità. Matul din is-sena ġie mfassal il-qafas biex fis-sena 2015 tinħareġ tender għal sistema moderna ta' File Management System. Dan qed isir bi sħab mal-MITA u mas-Sezzjoni tal-IT fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali.

Is-suċċessi akkwistati minn din l-Awtorità ma jistgħu qatt ikunu possibbli mingħajr l-impenn u d-dedikazzjoni tal-management, il-kontribut tant siewi tal-impjegati, kif ukoll is-sapport u d-direzzjoni kontinwa li jagħtu ċ-Chairperson u l-Membri tal-Bord. L-isfidi li għandha quddiemha l-Awtorità tad-Djar mhumiex żgħar, iżda bis-saħħa tal-impenn kontinwu ta' kull impjegat, din l-Awtorità tista' tkun ta' għajnuna u sapport konkret għal numru kbir ta' familji u individwi li huma l-aktar fil-bżonn tas-servizzi tagħha.



**Stephen McCarthy**
Kap Eżekuttiv

## 1. Customer Care

L-Awtorità tad-Djar matul din is-sena kompliet tilqa' numru sostanzjali ta' klijenti li saħansitra jlaħħqu medja ta' 1,337 fix-xahar. Bħas-snin ta' qabel, l-Awtorità tad-Djar kompliet tilqa' l-pubbliku kuljum bejn it-8.00am u l-11.30am. Dan jgħin lill-pubbliku jinqeda aħjar u l-istess pubbliku jista' jitqassam aħjar matul il-ġimgħa kollha. Tkompla wkoll is-servizz ta' Customer Care minn ġewwa l-Aċċessi tal-Imsida u l-Qawra fejn żorna l-Qawra kull ġimgħa waqt li l-Imsida kull ħmistax-il ġurnata bejn it-8.00am u 12.00pm.

Din is-sena rajna inizjattiva ġdida għal dawk in-nies li jridu jinqdew bit-telefown. Is-servizz fi ħdan is-servizzi soċjali tal-iSPIC ġie anke estiż għall-Awtorità tad-Djar lejn l-aħħar ta' din is-sena – dan ifisser li min jikkomunika fuq il-linja 159 tal-iSPIC allura issa jista' jaqbad direttament ukoll mal-Awtorità tad-Djar.

Sabiex jingħata aktar servizz ħolistiku, minn Ottubru l-Awtorità tad-Djar ingħaqdet ma' żewġ reġjuni li jiffurmaw parti mill-proġett 'Leap' sabiex jingħata servizz fejn jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-pubbliku flimkien ma' għaqdiet oħra li jindirizzaw l-aspett soċjali.

Is-servizz telefoniku baqa' mfittex mill-pubbliku tant li fis-sena 2014 it-taqsima tal-Customer Care rċeviet medja ta' 1,663 telefonata fix-xahar fejn dawn talbu informazzjoni fuq diversi servizzi li toffri l-Awtorità.

Il-websajt tal-Awtorità tad-Djar, li hija mezz ieħor ta' informazzjoni, baqgħet kontinwament tiġi aġġornata. Infatti ġiet żviluppata websajt ġdida għall-Awtorità tad-Djar fuq il-Portal tas-*Sharepoint* tal-Gvern (*Government Content Management System*), sabiex l-istess Awtorità tikseb immaġni korporattiva. Sar eżerċizzju estensiv biex tiġi riveduta l-informazzjoni kollha ppreżentata fuq il-websajt kurrenti tal-Awtorità tad-Djar. B'hekk il-pubbliku li għandu aċċess għall-internet jista' jikseb l-informazzjoni fuq kull skema u servizz li toffri l-Awtorità mill-kumdità ta' daru.

## 2. Akkomodazzjoni Soċjali

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 616-il applikazzjoni ġdida għall-akkomodazzjoni soċjali. Fil-bidu ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha 3,304 applikazzjoni pendenti li minnhom 1,051 kienu meqjusa bħala prijorità. Matul din is-sena ġew ikkanċellati 904 applikazzjoni minħabba raġunijiet varji. Uħud minnhom ġew ikkanċellati wara eżerċizzju intensiv ta' *profiling* però 73 applikazzjoni reġgħu ġew riattivati. Għalhekk din is-sena l-Awtorità tad-Djar għalqet b'2,862 applikazzjoni meta tnaqqsu 227 applikant li ġew mogħtija post mill-Awtorità tad-Djar matul din is-sena. Il-lista ta' prijorità hija maqsuma f'numru ta' kategoriji li jiddefinixxu l-bżonnijiet tal-applikanti.

Mal-280 applikant li jinsabu fuq il-lista huma applikanti li qegħdin jikru proprjetà mingħand il-privat u li qegħdin ukoll jibbenefikaw minn sussidju tal-kera.

Riċerka tindika wkoll li 387 applikazzjoni ġejjin minn familji li preżentament jgħixu f'post tal-Gvern li, għal xi raġuni jew oħra, bħal dik medika, qed jitolbu lill-Awtorità tad-Djar biex jiġu allokati proprjetà oħra bi bdil ma' dik li għandhom illi forsi tkun aktar adegwata għall-bżonnijiet tagħhom.

## 2.1 Social Assessment

Sabiex l-Awtorità tkompli tindirizza l-lista ta' prijorità bdew isiru *social assessments.* Matul is-sena 2014 l-Awtorità permezz tas-*social workers* tagħha rat 195 każ.

## 2.2 Allokazzjonijiet

Tkomplew ukoll l-allokazzjonijiet tal-postijiet battala tal-Gvern kif ukoll appartamenti mikrija mill-privat taħt l-Iskema Kiri.

Sabiex inkwilini jirrendu l-postijiet tal-Gvern allokati lilhom fi stat abitabbli huma jingħataw għotja ta' flus sabiex jagħmlu, permezz ta' kuntratturi mqabbda minnhom stess, dak ix-xogħol kollu neċessarju biex b'hekk il-post jiġi f'livell aċċettabbli. Bħas-snin ta' qabel l-Awtorità tad-Djar kompliet tqassam dawn l-għotjiet u l-ispiża annwali fuq din l-inizjattiva għal din is-sena kienet ta' €263,481.

Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar l-Awtorità tad-Djar għamlet 227 kuntratt tal-kera kif jidher hawn taħt:




## 2.3 Postijiet Battala tal-Gvern

Huwa ferm importanti li meta post tal-Gvern jitbattal u dan għaliex l-inkwilini joħorġu minnu għal diversi raġunijiet, immedjatament l-Awtorità tad-Djar tieħu lura l-pussess tiegħu sabiex dan jerġa' jiġi allokat. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar ġabret iċ-ċwievet ta' 96 post battal tal-Gvern.

Dawn ġew spezzjonati u ħarġu wkoll stimi għal kull post sabiex isiru dawk ix-xogħlijiet neċessarji li jagħmlu post diċenti u ta' livell aċċettabbli. Wara li l-Awtorità tad-Djar rat l-istimi kif ukoll ir-riċerka li turina li l-għotjiet medja li ġew mogħtija inkwilini ġodda ta' postijiet tal-Gvern kienu ta' €4,500 kull wieħed, ġie deċiż li inkwilini li jiġu allokati appartamenti għandhom jibbenefikaw minn għotjiet sa massimu ta' €6,000 waqt li dawk allokati djar għandhom jibbenefikaw minn għotjiet sa massimu ta' €8,000. Dawn iż-żewġ figuri m'għandhomx jinkludu xi periklu jew ħsarat fl-istruttura tal-fond. F'każ li jkun hemm periklu jew ħsarat fl-istruttura dan ix-xogħol isir kollu mill-Awtorità.



*Saqaf ta' proprjetà tal-Gvern fi bżonn ta' rranġar*

## 2.4 Reviżjoni tal-Kirjiet

Il-kirjiet tal-inkwilini baqgħu jiġu riveduti kull sentejn u dan skont id-dħul tal-istess inkwilini. Għalhekk din is-sena, bħas-snin ta' qabel, l-Awtorità tad-Djar għamlet l-eżerċizzju tar-reviżjoni tal-kirjiet fuq postijiet tal-Gvern kif ukoll tal-privat mikrija taħt l-iSkema KIRI. Dan l-eżerċizzju kien jinkorpora 1,486 kirja li ġew riveduti skont id-dħul tal-inkwilini. Kien hemm 556 inkwilin li kellu xi tibdil fil-kera li l-maġġoranza kienet żieda fil-kera li jfisser li kellhom żieda fid-dħul annwali tagħhom ukoll.

## 2.5 Investigazzjonijiet / Spezzjonijiet

Spezzjonijiet fuq proprjetà tal-Gvern huma neċessarji sabiex jiġi vverifikat li l-post qiegħed jinżamm kif suppost, li qiegħed jiġi okkupat mill-inkwilini rikonoxxuti kif ukoll sabiex jiġi vverifikat li m'hemmx problemi strutturali fil-binja. Azzjoni neċessarja tittieħed meta l-post ikun instab battal jew meta l-post ma jkunx qiegħed jintuża kif suppost. Din is-sena saru numru kbir ta' spezzjonijiet kif ukoll spezzjonijiet oħra varji kif jidher fit-tabella li jmiss.

| | | |
|---|---|---|
| Skema Għajnuna fuq l-ewwel residenza (GFR) | Spezzjoni ta' proprjetà privata fejn jiġi vverifikat li x-xogħol ikun sar biex tkun tista' tingħata l-għotja taħt din l-iskema; | 457 |
| Skema Sussidju tal-Kera | Spezzjoni fir-residenza mikrija sabiex jiġi vverifikat li l-fond ikun okkupat mill-inkwilin; | 27 |
| Tiġdid ta' kuntratti tal-Kera | Spezzjoni biex jiġi vverifikat li l-inkwilini qegħdin josservaw il-kundizzjonijiet u l-obbligi tal-kirja; | 488 |
| Investigazzjonijiet | Spezzjoni biex jiġi kkonfermat li l-inkwilini konoxxuti jokkupaw proprjetà tal-Gvern; | 928 |
| Applikazzjoni għal post alternattiv | Spezzjoni sabiex issir pjanta tal-post minn fejn issir applikazzjoni għal post alternattiv kif ukoll jiġi vverifikat l-istat li fih jabitaw l-applikanti; | 422 |
| Wiri ta' postijiet | Proprjetà tiġi murija lill-inkwilini ġodda. | 195 |

## 3. Avviż Legali 77 - Bejgħ ta' Appartamenti bi Prezz Sussidjat

Permezz ta' Avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern datata 13 ta' Frar 2014, l-Awtorità tad-Djar ħarġet għall-bejgħ 46 fond f'diversi lokalitajiet ta' Malta b'sussidju li laħħaq mal-35% fil-każ ta' appartamenti u għall-ewwel darba b'sussidju ta' 25% fuq il-prezz tal-garaxxijiet.

Il-prezz xieraq ta' dawn il-fondi kien jammonta għal €4.9 miljun waqt li l-Awtorità tad-Djar tat sussidju ta' 35% li kien ilaħħaq għal €1.7 miljun. Il-garaxxijiet abbinati mal-fondi kellhom valur ta' €631, 400 waqt li ngħata sussidju fuqhom ta' €157, 400. F'din il-ħarġa rajna bejgħ ta' 4 appartmenti b'kamra tas-sodda waħda, 12-il appartament b'żewġ kmamar tas-sodda u 30 appartament bi tlieta. Il-prezz ta' dawn il-fondi kien kif jidher:

| Kmamar tas-Sodda | **Prezz Xieraq tal-Fondi €** | **Prezz Sussidjat tal-Fondi €** | **Medja tal-Prezz Sussidjat €** |
|---|---:|---:|---:|
| 1 | 291,500 | 189,500 | 47,400 |
| 2 | 1,190,500 | 774,000 | 64,500 |
| 3 | 3,402,500 | 2,225,900 | 74,200 |

Taħt dan l-avviż l-Awtorità tad-Djar irċeviet 179 applikazzjoni li minnhom 9% kienu invalidi waqt li matul il-proċess kien hemm 27% li għal xi raġuni jew oħra ġew irtirati mill-applikanti stess. Saru l-allokazzjonijiet u s'issa saru 3 kuntratti u 22 konvenju. Meta jsiru l-kuntratti kollha taħt dan l-avviż huwa previst li l-Awtorità tad-Djar ser ikollha introjtu ta' €3,663,400.

# 4. Skemi

### 4.1 Irranġar u Titjib ta' Postijiet

L-Awtorità tad-Djar kompliet tirċievi applikazzjonijiet taħt l-iskema ta' Rranġar u Titjib ta' residenzi mikrija mill-privat kif ukoll residenzi okkupati minn sidien. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 264 applikazzjoni li minnhom 28 kienu invalidi u 29 irtirati jew kanċellati mill-applikanti. It-tekniċi tal-Awtorità tad-Djar din is-sena għamlu 260 spezzjoni fejn saru stimi tax-xogħlijiet mitluba mill-applikanti kif ukoll ivverifikaw 189 post sabiex seta' jsir il-ħlas tal-għotja lill-applikanti. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha nefqa ta' €463,595 taħt din l-iskema. Ta' min juri riċerka żgħira li turi l-etajiet ta' dawn l-applikanti fejn il-maġġoranza tal-applikanti kienu 'l fuq minn ħamsin sena:




Interessanti wkoll l-istat ċivili tal-applikanti fejn f'din l-iskema naraw li l-maġġor parti tal-applikanti kienu nies waħedhom (single) u romol:



L-għotja taħt din l-iskema tammonta għal €10,000 f'każ ta' sidien u €7,000 f'każ ta' inkwilini. Oltre dan applikant jingħata persentaġġ tal-ammont skont id-dħul tiegħu. Ta' min jgħid li sabiex jibbenefika minn 70% jew aktar, applikant irid ikollu dħul ta' inqas minn €11,400. Il-persentaġġi li minnhom ibbenefikaw l-applikanti fis-sena 2014 kienu kif jidhru hawn taħt waqt li d-dħul tagħhom kien is-segwenti:

| Persentaġġ ta' Għotja | Numru ta' Applikanti |
|---|---|
| 10% | 1 |
| 30% | 8 |
| 50% | 19 |
| 70% | 55 |
| 100% | 135 |




### 4.2 Strutturi Perikolużi f'Residenza Mikrija mill-Privat

Tkompla l-ipproċessar tal-iskema li tipprovdi sussidju sa massimu ta' €7,000 biex tgħin inkwilini/ ċenswalisti jeliminaw strutturi perikolużi fir-residenza tagħhom mikrija jew mogħtija lilhom b'ċens mill-privat qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 47 applikazzjoni li minnhom 10 kienu rtirati. Ġew ipproċessati 35 applikazzjoni li jinkudu 5 applikazzjonijiet li kienu ġew sottomessi fl-2013. Saru 48 spezzjoni li jinkludu stima kif ukoll verifikazzjoni tax-xogħol li tlesta sabiex jingħata l-pagament lill-applikanti. L-applikazzjonijiet ġew minn diversi lokalitajiet kif jidher mit-tabella t'hawn taħt:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Balzan | B'Kara | Bormla | Għaxaq | Gżira |
| Isla | Kalkara | Marsa | M'Skala | Mosta |
| Qormi | Qrendi | Raħal Ġdid | Rabat Għawdex | San Gwann |
| Siġġiewi | Sliema | Tarxien | Valletta | Żabbar |
| Żurrieq | | | | |

Interessanti naraw li l-età ta' dawn is-47 applikant kienet fil-maġġoranza tagħhom 'il fuq minn 50 sena kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Età | Applikanti |
|---|---|
| Sa 30 sena | 1 |
| 31 sa 40 | 2 |
| 41 sa 50 | 6 |
| 51 sa 60 | 10 |
| 61 sa 70 | 11 |
| 71 sa 80 | 13 |
| 81 + | 4 |

Taħt din l-iskema applikant ma riedx ikollu dħul aktar minn €25,000 però r-riċerka turina li l-maġġor parti tal-applikanti kellhom dħul anqas minn €9,000 fis-sena – dan juri li l-Awtorità tad-Djar permezz ta' din l-iskema qiegħda tgħin l-aktar nies vulnerabbli:




Interessanti wkoll naraw li l-applikanti li talbu għajnuna taħt din l-iskema kienu ġejjin minn familji żgħar kif jidher hawn taħt:



L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar taħt din l-iskema kienet tlaħħaq għal €5,355.

### 4.3 Għotja għall-irranġar ta' Residenzi Privati Abitati minn Anzjani

L-Awtorità tad-Djar kompliet bl-ipproċessar tal-Iskema għal sidien anzjani 'l fuq minn 60 sena, sabiex isirilhom xogħol ta' rranġar fir-residenza tagħhom biex din issir aktar aċċessibbli u jiġi eliminat kull periklu. Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar irċeviet 165 applikazzjoni li minnhom 71 kienu rtirati/kanċellati u invalidi. L-età ta' dawn l-applikanti qiegħda tidher fit-tabella t'hawn taħt:




Din l-iskema kienet intenzjonata sabiex dawn l-anzjani setgħu jibqgħu jgħixu fil-kumdità ta' darhom u fl-istess komunità. Din l-iskema kienet miftuħa għal persuni vulnerabbli li huma sidien ta' darhom li mhumiex f'pożizzjoni li jaċċessaw waħidhom skemi oħra tal-Awtorità tad-Djar. Din is-sena rajna l-approvazzjoni ta' 13-il applikazzjoni u l-ħlas ta' €167,383 li minnhom €69,000 kienu pagamenti ta' xogħlijiet li l-Awtorità tad-Djar ħadet ħsieb li tagħmel għan-nom tal-applikanti. Saru wkoll il-preparamenti fuq stimi ta' 28 post ieħor waqt li tlestew 21 post mix-xogħol kollu. Huwa previst li fis-sena 2015 jitlestew u jingħalaq l-ipproċessar u x-xogħol fuq din l-iskema. It-tabella t'hawn taħt turi l-għotjiet li ngħataw taħt din l-iskema s'issa:



### 4.4 Skema għal xogħlijiet relatati ma' diżabilità

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet bil-ħidma tagħha favur persuni b'diżabilità bl-ipproċessar tal-iskema fejn tipprovdi għajnuna finanzjarja sabiex persuni b'diżabilità jagħmlu dawk ix-xogħlijiet neċessarji sabiex irendu r-residenza tagħhom aċċessibbli għall-bżonnijiet tagħhom. Din is-sena l-Awtorità rċeviet 164 applikazzjoni li minnhom 20 kienu invalidi u 12 oħra ġew irtirati mill-applikanti stess. Sar l-ipproċessar fuq 107 applikazzjoni li minnhom 46 kienu tas-sena 2013. Ġew spezzjonati 120 residenza sabiex ġie approvat ix-xogħol mitlub mill-applikanti kif ukoll 98 residenza fejn ġie vverifikat li x-xogħol tlesta. Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar kellha nefqa ta' €313,214. Interessanti naraw ix-xogħlijiet li japplikaw għalihom dawn id-90 applikant – l-installar tal-kmamar tal-banju u *stairlifts* jibqgħu l-aktar popolari:




Ta' min jara wkoll li minn 90 applikazzjoni kważi kulħadd ġie mogħti aktar minn 70% tal-ammont approvat mill-Awtorità. Fil-fatt kien hemm 81 persuna li ġiet mogħtija 100% tal-għotja, 7 ġew mogħtija 70% u wieħed biss 10%. Sabiex wieħed jingħata 'il fuq minn 70% tal-għotja, dan ma jridx ikollu dħul annwali aktar minn €20,400.

## 4.5 Skemi għall-persuni li akkwistaw l-ewwel residenza

L-iskema biex tikkompensa parti mill-ispiża tal-kostruzzjoni jew fuq xogħol ta' tlestija jew irranġar fl-ewwel dar ta' abitazzjoni kompliet tkun aktar popolari ma' persuni li xtraw l-ewwel residenza tagħhom. Fil-fatt din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet l-aktar numru ta' applikazzjonijiet fl-aħħar tmien snin kif tindika t-tabella t'hawn taħt:




L-għotja tingħata f'żewġ stadji – l-ewwel stadju jirrelata ma' kostruzzjoni ta' proprjetà li jinkludi tħammil, pedamenti, ġebel u konkos, inkluż il-kontrabejt u spejjeż oħra konnessi mal-bini tad-dar, waqt li t-tieni jkopri servizzi fornuti u mħallsa fil- jew wara d-data tal-akkwist tal-proprjetà dwar xogħlijiet ta' finitura inklużi t-tikħil u tibjid, elettriku u ilma, madum u rħam, bibien ta' ġewwa u ta' barra, twieqi u kmamar tal-banju. It-tabella t'hawn turi l-ammonti ta' persuni taħt kull stadju bl-ammonti ta' flus maħruġa:




Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar kellha nefqa ta' €1,235,399.

### 4.6 Sussidju fuq l-Imgħax fuq l-Ewwel Residenza

L-Awtorità tad-Djar kompliet tissussidja l-imgħax ta' dawk l-applikanti li ssottomettew applikazzjoni fl-2012 sabiex jibbenefikaw minn sussidju ta' 2.5% fuq l-interessi tas-self fuq ix-xiri tal-ewwel residenza tagħhom mis-settur privat. Is-sussidju jingħata fuq l-ewwel €80,000 matul il-perjodu tal-ewwel tmien (8) snin mill-ewwel pagament li l-bank jagħmel favur ix-xiri tal-ewwel residenza. Din is-sena ġew ipproċessati l-aħħar 5 applikazzjonijiet u l-Awtorità tad-Djar kellha nefqa ta' €392,956. Oltre dan l-Awtorità tad-Djar kellha nefqa wkoll ta' €42,755 fuq sussidju ta' interessi fuq self ta' xiri ta' proprjetà taħt skemi simili ta' qabel.

### 4.7 Sussidju tal-Kera

Waħda mill-iskemi popolari ma' inkwilini tal-privat hija l-iskema tas-sussidju fuq il-kera mħallas fil-privat. Din is-sena rajna ammont sostanzjali ta' applikazzjonijiet ġodda taħt din l-iskema – 595 applikazzjoni. Minn dawn il-595, 95 applikazzjoni kienet irtirata jew invalida però matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar ipproċessat 581 applikazzjoni li ftit minnhom kienu applikazzjonijiet tas-sena ta' qabel. It-tekniċi tal-Awtorità tad-Djar spezzjonaw 558 residenza sabiex ġie determinat li r-residenza hija adegwata għall-bżonnijiet tal-inkwilin. Kif ser jingħad aktar 'l isfel il-proċess ta' din l-iskema ġie ssimplifikat permezz ta' miżura ġdida fejn ma sarx l-eżami tal-mezzi fuq 401 applikazzjoni. Is-sussidju fuq il-kera jingħata skont il-membri tal-familja. It-tabella t'hawn turi l-ammont ta' familji varji kif ukoll medja tas-sussidji li ġew mogħtija:



It-tabella t'hawn taħt turi li l-ispiża ta' din l-iskema qiegħda kontinwament tikber però, kif it-tabella ta' hawn taħt tindika wkoll, id-dħul medju tal-familji jibqa' dejjem baxx:




| Membri tal-Familja | Dħul Medju € |
|---|---|
| 1 | 6,070.93 |
| 2 | 7,115.60 |
| 3 | 6,756.56 |

### 4.8 Sir Sid Darek

Fi Frar ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar varat skema intenzjonata biex tħajjar inkwilini ta' appartamenti, djar u *maisonettes* tal-Awtorità tad-Djar u tad-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern isiru sidien ta' darhom u jkomplu jużawhom bħala residenza ordinarja tagħhom. Din l-iskema wriet suċċess minħabba l-fatt li f'għaxar xhur daħlu 542 applikazzjoni minn inkwilini sabiex isiru sidien ta' darhom. L-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet jidher hawn taħt:

| Proċess | Numru ta' Applikazzjonijiet |
|---|---|
| Jintalab permess mid-Dip. tal-Proprjetà tal-Gvern | 103 |
| Kejl tal-post u valutazzjoni | 256 |
| Riferuti għall-kuntratt/konvenju | 49 |
| Proprjetà ma tistax tiġi trasferita | 63 |
| Invalidi | 11 |
| Irtirati | 36 |
| Nistennew tweġiba mingħand l-applikant | 24 |

Ta' min jgħid li l-prezz medju mingħajr sussidju taħt dawn l-applikazzjonijiet kien ta' €92,400 waqt li s-sussidju ta' 50% fuq il-prezz jingħata biss jekk l-applikant ma jippossedix assi aktar minn €150,000. Minn riċerka jindika li 98% tal-applikanti qegħdin igawdu minn 50% sussidju fuq il-prezz.

L-Awtorità tad-Djar din is-sena kompliet bl-ipproċessar tal-Iskema Sir Sid Darek 2012 u 2013 fejn inħadmu 55 applikazzjoni waqt li kien hemm 9 oħra li ġew irtirati mill-inkwilini stess. Ġew riferuti 46 applikazzjoni għall-iffirmar tal-kuntratt jew konvenju waqt li l-livell ta' sussidju taħt dawn l-applikazzjonijiet kien kif jidher hawn taħt:

| Livell ta' Sussidju | Applikanti |
|---|---|
| 0% – 10% | 2 |
| 11% – 20% | Nil |
| 21% - 30% | 7 |
| 31% - 40% | 2 |
| 41% - 50% | 6 |
| 51% - 60% | 26 |
| 65% | 3 |

Il-prezzijiet sussidjati ta' dawn il-fondi komparati mal-prezzijiet kummerċjali jidhru fit-tabella t'hawn taħt:



It-tabella t'hawn taħt turi l-applikazzjonijiet li ġew aċċettati mill-Awtorità tad-Djar taħt l-Iskema Sir Sid Darek tul dawn l-aħħar erba' snin kif ukoll numru ta' applikazzjonijiet li ġew riferuti għall-kuntratt jew konvenju.




It-tabella t'hawn taħt turi fiċ-ċar l-applikazzjonijiet li l-Awtorità tad-Djar irċeviet mill-2012 sal-2014 taħt erba' skemi partikolari kif ukoll l-ammont ta' sussidju mogħti taħt kull skema għal kull sena:

**Applikazzjonijiet Approvati**

| Skemi Popolari | 2012 | | 2013 | | 2014 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont | € | Ammont | € | Ammont | € |
| **Sussidju tal-Kera** | 353 | 278,472 | 480 | 87,649 | 581 | 484,936 |
| **Irranġar u Titjib** | 126 | 399,234 | 284 | 944,215 | 342 | 1,096,495 |
| **Skema ta' Diżabilità** | 60 | 215,319 | 93 | 364,536 | 107 | 655,121 |
| **Għotja fuq Xogħol ta' tlestija tal-ewwel dar** | 432 | 1,252,703 | 442 | 1,271,358 | 459 | 1,282,713 |

### 4.9 Installazzjoni ta' Lifts Ġewwa Blokki tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar kompliet bil-programm ta' lifts ġodda kif ukoll *upgrading* ta' lifts eżistenti. Taħt l-iskema għal dan il-programm l-Awtorità rċeviet 19-il applikazzjoni minn residenti ta' blokki tal-Gvern f'diversi lokalitajiet ta' Malta. Minn dawn l-applikazzjonijiet 5 kienu rtirati jew invalidi għaliex il-lift ma kienx possibbli li jiġi installat minħabba restrizzjonijiet fil-partijiet komuni tal-blokk.

Waqt li f'din is-sena ma tlestewx liftijiet ġodda fil-blokki residenzjali tal-Gvern, sar ix-xogħol kollu neċessarju sabiex jiġi fformulat u approvat dokument ta' tender li huwa aġġornat ma' regolamenti tal-liftijiet kif ukoll li jippermetti proċess aktar mexxej fl-ipproċessar tat-tenders. Permezz ta' din il-ħidma matul din is-sena ġew ikkompilati tenders għall-installar jew tibdil ta' lifts f'6 blokki residenzjali f'diversi lokalitajiet. Huwa stmat li dawn il-lifts ser jiswew mal-€276,350. Tlestew ukoll tenders għall-installar ta' 11-il lift ġdid bi spiża ta' €313,700 li x-xogħol fuqhom mistenni jsir matul is-sena 2015.

Matul din is-sena ġew ikkunsidrati talbiet oħra minn residenti fi blokki tal-Gvern sabiex isir *upgrading* ta' *lifts* eżistenti fil-blokk. Tali *upgrade* huwa neċessarju mhux biss minħabba tiswijiet neċessarji imma minħabba wkoll aġġornar ta' regolamenti kurrenti dwar il-lift. Saru għalhekk żewġ *upgrades* u beda x-xogħol fuq it-tielet lift. Waqt li l-Awtorità kellha nefqa ta' €2,539 għal din is-sena huwa previst li l-*upgrade* fuq it-tliet lifts ser jiswa €20,140.

### 4.10 Skema KIRI

L-Awtorità tad-Djar kompliet talloka l-postijiet mikrija mill-privat taħt Skema KIRI. Kien hemm 110 allokazzjoni ta' postijiet tal-privat waqt li l-ispiża fuq il-kirjiet tal-postijiet kollha taħt Skema KIRI għal din is-sena laħqet għal €1,573,021.

L-Awtorità rċeviet madwar 200 ilment minn inkwilini ta' dawn il-proprjetajiet fejn l-Awtorità ħadet passi billi għamlet kuntatt mas-sidien ta' dawn il-postijiet sabiex jagħmlu t-tiswijiet neċessarji. Saru inventarji fuq 34 post li tlestew minn sidien sabiex isiru l-kuntratti tal-kirja mal-Awtorità.

### 4.11 Skemi b'Kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali

L-Awtorità tad-Djar kompliet bl-ipproċessar taż-żewġ skemi b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Dawn l-iskemi jkopru riġenerazzjoni f'oqsma madwar il-binjiet tal-Gvern kif ukoll titjib fil-partijiet komuni ta' blokki residenzjali tal-Gvern.

#### 4.11.1 Riġenerazzjoni f'Oqsma Madwar il-Binjiet tal-Gvern (SKEMA 1)

L-għan ta' din l-iskema hu sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali nsebbħu l-ambjent ta' madwar il-binjiet tal-Gvern. Din is-sena rajna t-tkomplija ta' din l-iskema fejn ġew approvati wkoll żewġ proġetti fil-Ħamrun u Pembroke kif ukoll xi xogħol ieħor fl-Imtarfa. Fis-sena 2015 l-Awtorità tad-Djar għandha l-ħsieb li tkompli żewġ proġetti oħra fil-lokalitajiet ta' Ta' Xbiex u l-Floriana, kif ukoll tibda proġett ġdid f'Santa Venera. Oltre dan mhux eskluż li jiġu approvati proġetti ġodda f'lokalitajiet differenti.

#### 4.11.2 Titjib f'Partijiet Komuni ta' blokki Residenzjali tal-Gvern (SKEMA 2)

L-Awtorità tad-Djar kompliet ukoll taħdem fuq Skema 2 li l-għan ta' din l-iskema hu li ssir manutenzjoni tal-partijiet komuni fil-binjiet residenzjali tal-Gvern. L-inkarigu tal-Kunsill f'din l-iskema hu li jidentifika l-blokki li għandhom jipparteċipaw, skont il-baġit offrut lilhom mill-Awtorità, kif ukoll jgħin lir-residenti jappuntaw amministratur u jaħtru kuntrattur sabiex jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa. Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar approvat li ssir manutenzjoni f'60 blokka fil-lokalitajiet ta' Bormla, il-Mosta, Ħaż-Żebbuġ, l-Isla, Ħal Luqa u Ħal Qormi. Min-naħa tal-Awtorità saru l-ispezzjonijiet tekniċi u beda wkoll ix-xogħol fuq il-kumpilazzjoni ta' stimi li jservu ta' għajnuna lill-amministraturi tal-blokk sabiex ifittxu kuntratturi biex jagħmlu xogħlijiet ta' titjib neċessarju fil-partijiet komuni.



*Opramorta mibdula minħabba periklu*

Waqt li l-baġit allokat għal din l-iskema kien ta' €290,000 fl-2014, għas-sena 2015 l-Awtorità tad-Djar għandha ppjanat li ssir manutenzjoni fuq 102 blokki oħra bi spiża stmata ta' €530,000.

## 5. Simplifikazzjoni ta' Burokrazija ta' Proċessi

Matul din is-sena rajna l-bidu ta' żewġ inizjattivi fejn żewġ proċessi relatati mal-iskemi tal-Awtorità tad-Djar ġew simplifikati sabiex titnaqqas burokrazija żejda bil-għan li l-klijenti jiġu moqdija f'anqas ħin. Iż-żewġ proċessi kienu:

- Komunikar bl-imejls mal-klijenti li qed jibbenefikaw għas-sussidju tal-kera; u
- Eżami tal-mezzi komuni.

### 5.1 Komunikar bl-imejls

Kienet inizjattiva tal-Gvern Ċentrali li jittieħdu miżuri li jissimplifikaw proċessi fi ħdan iċ-Ċivil. Ġie identifikat proċess fejn isir komunikar ma' klijenti b'ittri li faċilment jista' jsir permezz ta' imejls. Din l-inizjattiva ġiet proposta u approvata mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali u għalhekk sar ix-xogħol neċessarju sabiex din il-proċedura ġdida setgħet tiġi implimentata u fil-bidu tas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar ser tibda tikkomunika permezz ta' imejls fejn possibbli ma' applikanti li qegħdin jibbenefikaw mis-sussidju tal-kera.

### 5.2 Eżami tal-mezzi komuni

Ġie deċiż li m'għandux jibqa' jsir l-eżami tal-mezzi ta' klijenti li qegħdin jirċievu ċertu benefiċċju mill-Gvern bħal għajnuna soċjali, għajnuna tal-qgħad, pensjoni tal-età u pensjoni tal-invalidità u dan għaliex sabiex jibbenefikaw minn dawn is-servizzi l-individwi jkun diġà sarilhom l-eżami tal-mezzi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Din l-inizjattiva naqqset l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet b'konsegwenza li l-klijenti ġew moqdija f'anqas ħin. It-tabella t'hawn taħt turi l-applikazzjonijiet irċevuti u fejn ma kienx hemm bżonn li jsir l-eżami tal-mezzi, jiġifieri 50.56% tal-applikazzjonijiet irċevuti matul din is-sena:




## 6. Tiswijiet fi Proprjetà tal-Gvern

### 6.1 Tiswijiet Strutturali f'Appartamenti/Djar proprjetà tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar hija responsabbli wkoll minn tiswijiet strutturali f'appartamenti u djar proprjetà tal-Gvern kif ukoll kwalunkwe tiswijiet li jappartjenu għall-komun tal-istess blokki. Ta' min wieħed jgħid li l-Awtorità tirċievi medja ta' 160 rapport ġdid kull xahar għal tiswijiet meħtieġa li jkunu jridu jiġu mistħarrġa biex jiġi vverifikat l-eliġibbiltà skont il-*policy*.



*Saqaf li ngħata maintenance neċessarju*

Matul is-sena wkoll saru spezzjonijiet u ġew kompilati stimi ta' 987 każ ta' tiswijiet li x-xogħol tagħhom isir fix-xhur li ġejjin u li huwa stmat li ser jiswew madwar €1.4 miljun. Matul is-sena tlestew xogħlijiet ta' tiswijiet permezz ta' kuntratturi mqabbda mill-Awtorità tad-Djar fuq bażi ta' *framework agreement*, *tenders* u kwotazzjonijiet li n-nefqa totali fuq dawn it-tiswijiet kienet ta' €1,264,067.

### 6.2 Xogħol fuq postijiet vojta tal-Gvern

Matul din is-sena saru spezzjonijiet fuq 73 post vakant tal-Gvern sabiex isiru stimi ta' xogħlijiet biex dawn il-postijiet jiġu addattati għall-abitazzjoni.



*Struttura fi bżonn ta' tiswija*

Lista ta' xogħlijiet neċessarji tingħata lill-inkwilini sabiex dawn jagħmlu x-xogħol huma u jiġu mogħtija għotja skont l-istimi tat-tekniċi tal-Awtorità. Ġew riferuti wkoll 23 każ ieħor fejn l-inkwilini ġodda ta' dawn ir-residenzi għamlu talba għal xogħlijiet addizzjonali. L-ispiża totali ta' dawn il-postijiet vakanti ammontat għal €504,000 li minn dan l-ammont diġà tħallset is-somma ta' €263,481 matul din is-sena.

